MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 546/2008

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Leona Pace Colombo**
**(ID-277278-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Lulju, 2008 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u disgha u sebghin euro (Euro 279.00), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku bin-numru 2157 2507 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-31 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro 279.00, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif rikjesti kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------